



Brussell, 2 ta' Ottubru 2018
(OR. en)

12709/18

**Fajl Interistituzzjonali:
2018/0303(NLE)**

ACP 84
WTO 248
RELEX 809
COAFR 235

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Grupp ta' Ħidma dwar l-AKP
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	COM(2018) 574 final + ANNEX
Suġġett:	Abbozz ta' DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat tal-FSE stabbilit mill-Ftehim tranżizzjonali lejn Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq naħa waħda, u l-Parti Afrika Ċentrali, fuq in-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea - Adozzjoni

1. Fl-24 ta' Awwissu 2018, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat tal-FSE stabbilit mill-Ftehim tranżizzjonali lejn Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq naħa waħda, u l-Parti Afrika Ċentrali, fuq in-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea.
2. Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-AKP iddiskuta l-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill imsemmija hawn fuq u qabel dwar it-test tal-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill fil-25 ta' Settembru 2018.

3. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mistieden jirrakkomanda li l-Kunsill jadotta, bħala punt "A", it-test li jinsab fid-dokument 12546/18, wara l-finalizzazzjoni mill-ġuristi-lingwisti, li ser iservi ta' bażi għan-negozjati fil-Kumitat tal-FSE stabbilit bil-Ftehim tranżizzjonali lejn Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq naħa waħda, u l-Parti Afrika Ċentrali, fuq in-naħa l-oħra.
-